TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Alison Grech**

**Vs**

**Magi Arredamenti**

**CCT 58/24/MM**

Illum, 31 ta' Diċembru 2024

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fil-11 ta' Marzu 2024 fejn talbet is-somma ta' bejn tmint elef u ħames mitt ewro (€8,500) u għaxart elef ewro (€10,000), rappreżentanti l-prezz imħallas għal kċina u għamara w oġġetti oħra mixtrija mingħand is-soċjeta' intimata li allegatament kellha diversi difetti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż sett ta' ritratti u korrispondenza bejn il-partijiet.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti Alsion Grech xehdet bil-ġurament fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2024 u qalet li ordnat kċina mingħand is-soċjeta' intimata f'Novembru 2018 u li ġiet installata f'Lulju

2019. Illi hija tispjega li sa mill-ewwel intebħet b'diversi difetti u kienet bagħtet email lis-soċjeta' intimata f'Settembru 2019. Ir-rikorrenti tispjega li qegħda titlob is-somma ta' bejn tmint elef u ħames mitt ewro (€8,500) u għaxart elef ewro (€10,000) għax ma tistax tistma eżattament il-ħsarat pero' tikkjarifika li l-kċina kienet xtrata għall-prezz ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500).

Illi xehed ukoll bil-ġurament fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2024 Godwin Friggieri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta initmata u spjega li l-kċina mixtrija mir-rikorrenti kienet mudell tas-*showroom* u għalekk kienet inbiegħet bi prezz speċjali u ppreċiża li r-rikorrenti kienet qablet w aċċettat li qiegħda tixtri mudell *tale quale.* Illi x-xhud ikkonferma li kien hemm xi ħsarat iżda s-soċjeta' intimata għamlet minn kollox biex tirrimedja l-ilment u fil-fatt kienu ġew indirizzati kollha ħlief għal *top cupboard* u l-biċċa ta' fuq tal-*fridge* u jsostni li dawn inqalaw wara l-għeluq tas-sentejn garanzijja. Illi huwa jgħid li s-soċjeta intimata nonostante in *bona fede* xorta waħda hija lesta li tibdel il-*cupboard* diment li r-rikorrenti tħallas għall-istess *cupboard.*

Illi t-Tribunal jinnota li r-rikorrenti seduta stante ikkonfermat li s-soċjeta' initmata kienet irrimedjat id-difetti misjuba ħlief għat-*top cupboard* u l-biċċa ta' fuq tal-*fridge*.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut u jekk it-*top cupboard* u l-biċċa ta' fuq tal-*fridge* inqalawx wara l-għeluq tal-garanzijja jew matul il-garanzijja.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi dwar id-danni, kif osservat, in linea generali d-danni ghandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett mixtri. Dan, izda, ma jfisserx, imbaghad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifuzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett jekk ix-xerrej ikun illimita ruhu ghal xi wahda jew ohra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet "**Karl Francica -vs- Luke Piscopo et**", 9 ta' Jannar, 2009.

Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwieghed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "*in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore".* ("**Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si

tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet"**Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono**", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915);

Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinhass aktar f'materja ta' rapport kummercjant-konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "*ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohra ipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell* (subpara. "a"*), ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom* (subpara. "b"*), ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw (*subpara "c") *u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna* ... (subpara "d");

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal jinnota li l-kċina mixtrija kienet mudell tas-showroom u nbiegħhet bi prezz speċjali biex tikkumpensa għall-fatt li l-kċina ma kinietx se tkun maħduma ġdida għall-klijent.

Mill-provi rriżulta li l-attriċi lmentat minn diversi difetti mill-ewwel wara li l-kċina ġiet installata. Illi hija tgħid li ma tafx tistma l-ħsarat madanakollu tippretendi li tiġi kumpensata għall-ħsarat li sofriet. Għalhekk huwa evidenti li l-azzjoni attriċi hija l-*actio aestimatoria*. Din l-azzjoni hija waħda minn żewġ azzjonijiet maħsuba taħt l-Artikolu 1427 tal-Kap 16. Permezz ta' din l-azzjoni x-xerrej jista' jitlob illi jżomm il-ħaġa mixtrija iżda jitlob lura biċċa mill-prezz f'ammont stabbilit mill-Qorti. Is-soċjetà konvenuta laqgħet għal din l-azzjoni billi eċċepit li l-ħsarat irriżultaw entro l-għeluq tal-garanzija ta' sentejn.

Jingħad ukoll li l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kap 16 taqra hekk:

(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.

(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.

(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2).

Illi ġie ritenut mill-Qrati tagħna illi l-garanzija konvenzjonali pattwita tikkostitwixxi mezz ta' tisħiħ għat-tutela tax-xerrej. *"Dan fis-sens li hi in aggunta mal-garanzija dovuta ex lege mill-venditur (Artikolu 1378, Kodici Civili) ghad-difetti li ma jidhrux (Artikolu 1408, Kodici Civili) u ghar-responsabilita` tal-bejjiegh stabbilita mil-ligi minhabba mankanza tal-kwalita` mweghda (Artikolu 1390, Kodici Civili). Fi kliem iehor, dik il-garanzija akkordata ma hijiex b'eskluzjoni ta' dik stabbilita fl-Artikolu 1424, kif hekk seta' jsir bl-Artikolu 1426 ta' l-istess Kodici"* (**Dorianne Bartolo Vella -vs Industrial Motors Limited**, 26 ta' Jannar, 2005). Ingħad ferm sew qabel din mill-Qorti ta' l-Appell, sede Kummerjcali, illi *"biex ikun hemm limitazzjoni tal-garanzija legali, jehtieg li jkun hemm ftehim car li juri dik illimitazzjoni li biha jkunu kuntenti z-zewg partijiet. Il-fatt li fuq id-dokument ikunu mnizzlin certi patti ta' garanzija, bhal fil-kaz prezenti, ma hux bizzejjed, wahdu, biex jeskludi l-garanziji aktar ampji li taghti l-ligi, ghax jehtieg li c-cirkustanzi tal-kaz ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanizja ghal dak biss li jkun espress fid-dokument b'eskluzjoni tal-garanzija legali, jew inkella li l-kondizzjonijiet tad-dokument ikunu inkonciljabbli mal-garanzija legali"* (**Joseph Cefai -vs Carmelo Petroni et nomine**, 28 ta' Gunju, 1957); B'aktar forza rafforzata dan li nghad isib konferma fid-

dixxiplina kodicistika taht l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, affidanti lit-Tribunal specjali krejat bħala awtorita` ġudizzjarja bil-kompitu li, għall-ahjar ħarsien tal-konsumaturi, jeżerċita kontroll sostanzjali fuq il-kuntratt bejn kommerċjant u konsumatur bil-għan li jiddetermina sija li l-klawsoli tal-ftehim ma jkunux unilateralment predisposti mill-kummerċjant jew tal-volta vessatorji (ara Artikoli 44, 45, 46 u 81 ta' l-Att), sija li l-konsumatur ma jitlefx il-benefiċċju ta' kull garanzija oħra in aġġunta ma' dik konvenzjonali jew kummerċjali (ara Artikolu 82, 83 u 85 ta' l-Att); Premess dan, jinżel mill-Att imsemmi illi obbligu primarju tal-kummercjant hu dak li jikkunsinna lill-konsumatur oġġett konformi mad-deskrizzjoni u l-ispecifikazzjoni fil-kuntratt tal-bejgħ u hekk adottat għall-iskop li l-oġġett kellu jservi [ara Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 378]. Hu mbagħad provdut in tema ta' preskrizzjoni illi l-kummercjant għandu jkun responsabbli taħt dan il-provvediment u dak l-ieħor sussegwenti ghalih (Artikolu 74) meta l-konsumatur jinduna bin-nuqqas ta' konformita` fi żmien sentejn mill-kunsinna ta' l-oġġett. Perijodu dan li skond l-Artikolu 78 jibqa' sospiz sakemm idumu għaddejjin in-negozjati bejn il-partijiet bl-iskop ta' ftehim amikevoli.

Illi l-atti juru li l-intimat ma ssolleva ebda terminu preskrittiv fid-difizi tiegħu. Tqum għalhekk il-kwestjoni jekk eċċezzjoni f'dan is-sens tistax titqajjem mit-Tribunal innifsu. L-Att partikolari ma jipprovdi xejn in tema u, konsegwentement, il-Tribunal jkollu jirrikorri għall-principji tad-dritt kif stabbiliti fil-liġi komuni taħt il-Kodiċi Ċivili. Huwa ben car mid-dispost ta' l-Artikolu 2111 ta' dan il-Kodici illi ebda qorti jew tribunal ma jista' d'ufficio jirrileva l-preskrizzjoni ta' azzjoni fejn din ma tkunx opposta. Fi kliem ieħor, il-ġudikant, hu min hu, ma jistax ifittex minn rajħ il-fatti kostitutivi ta' l-eċċezzjoni rizervata mil-liġi lill-parti, u, lanqas ukoll, ma jista' jassumi d'ufficio tali fatt fid-deċiżjoni tiegħu bl-iskop li jiddikjara estint id-dritt ta' l-azzjoni u meta, bħal f'dan il-każ, ma jkunx hemm deduzzjoni speċifika mill-parti mħarrka f'dan is-sens.

**Ikkunsidra**

Illi t-Trinbunal jinnota li l-proċess huwa sajjem għall-kollox mill-provi. Illi kien ikun ferm għaqli għar-rikorrenti jekk tippreżenta prova sabiex tiġġustifika t-talba tagħha fl-ammont ta' bejn tmint elef u ħames mitt ewro (€8,500) u għaxart elef ewro (€10,000) speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-kċina kienet xtrata għall-prezz ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500). Fl-istess waqt kien ikun għaqli għas-soċjeta' intimata li tippreżenta kopja tal-garanzijja msemmijja minnha.

Affermati s-suesposti principji ta' dritt u l-kunsiderazzjonijiet elenkati, dan it-Tribunal iħoss b'konvinzjoni li għandu jistqarr illi mhux sodisfatt mill-linja difensjonali tas-soċjeta' intimata u jħoss li l-argumenti tar-rikorrenti huma aktar verosimili jew plawsibbli. Għalhekk wara li ra l-kronoloġija tal-fatti hekk kif tidher mill-korrispondenza limitata, jsib li fuq bilanċ ta' probabbilita' huwa iżjed plawsibbli li r-rikorrenti għandha raġun li d-difetti li fadal mertu tal-kawża odjerna u ċioe t-*top cupboard* u l-biċċa ta' fuq tal-*fridge* inqalaw waqt il-perjodu tal-garanzijja li skont li skond l-Artikolu 78 tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jibqa' sospiz sakemm idumu għaddejjin in-negozjati bejn il-partijiet bl-iskop ta' ftehim amikevoli.

Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iħoss li r-rikorrenti rnexxilia tipprova l-kawża tagħha sal-grad li trid il-liġi u għalhekk mhux se jaċċetta bħala leġittimu u ġustifikat id-difiża tas-sojeta' intimata. Dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, l-attriċi issodisfat l-oneru tal-prova dwar l-eżistenza tal-ħsarat.

Illi finalment jifdal il-likwidazzjoni tad-danni. Illi dan it-Tribunal jidhirlu li l-ammont mitlub mir-rikorrent ma ġiex spjegat jew sostanzjat b'xi prova. Illi il-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrenti naqset milli jissostanzja jew jispjega kif waslet għall-ammont mitlub minnha bi provi konkreti, speċjalment fid-dawl tal-fatt li t-talba tagħha hija fl-ammont ta' bejn tmint elef u ħames mitt ewro (€8,500) u għaxart elef ewro (€10,000) u l-kċina kienet xtrata għall-prezz ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500). Kien

jispetta lir-rikorrenti tresssq provi tajbin u suffiċjenti biex jikkonvinċi lit-Tribunal li x-xogħolijiet rimedjali kienu jammontaw għall-ammont mitluba minnha. Għalhekk it-Tribunal ser jagħddi biex jilqa' t-talba parzjalment u jillikwida ammont *arbitro bon viri* u qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens *arbitrio boni viri* fis-somma ta' ħames mitt ewro (€500).

**Deċiżjoni**

Għal motivi senjalati dan it-Tribunal qieghed parzjalment jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jiċħad l-eċċezzjonijiet sollevata mis-soċjeta intimata, jilqa' parzjalment it-talba rikorrenti u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont illikwidat *arbitro bon viri* ta' ħames mitt ewro (€500) u fi żmien ħmistax-il jum mil-lum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza huma a karigu tas-socjeta` intimata.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**